**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 34/14(29_07_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku li jinsab imsiefer, is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Lulju 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skart Mormi Illegalment'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kanali tal-Ilma (*Water Culverts*)'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 21/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Dokumenti ppreżentati waqt il-Laqgħa tal-Kunsill'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Procurement*)'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Culture Directorate, Ministeru għat-Turiżmu rigward 'SMS for Life Cycle Challenge!'

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap tal-Iskola, Stella Maris College – Senior Section rigward donazzjoni lill-Kunsill ta' kopja tal-kotba 'Gozo Legends' u 'Comino' u infurmaw li kopji ta' dawn il-kotba huma wkoll għall-bejgħ.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Rural Development Department – Plant Health Directorate fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima rigward 'Updated records of Spraying of Palm Trees – January to June 2014'.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda u l-iskeda ta' pagamenti numru 30 tal-44 laqgħa u l-Minuti tal-41 laqgħa tat-13 ta' Mejju 2014 u tat-42 laqgħa tad-19 ta' Ġunju 2014 (tħassret peress li ma kienx hemm *quorum*) ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Project Leader MT04/1, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Proġett Pilota u Kwestjonarju dwar Performance Management fil-Kunsilli Lokali (Memo 16/2014)'.

2.10 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva għal-laqgħa kordjali bejn is-Sindki kollha tal-Kunsilli Lokali t'Għawdex bħala parti mill-proċess tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Nazzjonali għal Anzjanità Attiva u l-Istrateġija Nazzjonali tad-Dimensja, fit-13 t'Awwissu 2014 fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, Victoria.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu sabiex bankina quddiem il-proprjetà tagħha titranġa peress li din inqalet meta saret tinda maġenb il-proprjetà tagħha. Kien hemm qbil li din il-bankina titranġa bħal kif kienet qabel.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar preżentazzjoni li saret minn rappreżentanti tal-Malta Records dwar proposta li qed jagħmlu lill-Kunsilli Lokali. Qed ikun propost li The Malta Records torganizza The Malta Records Festival f'Għawdex sabiex tiġbor fiha dawk il-Kunsilli Għawdxin li jkunu rebħu xi *record*. Qed ikun propost li jingħaqdu l-Kunsilli kollha interessati, joħorġu *fee* ta' €300 kull Kunsill u titla' l-polza biex jintgħażel il-post fejn isir dan il-*festival*. Il-Kunsill kien ser jara x'se jagħmlu Kunsilli oħra.

3.03 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident dwar *double yellow line* li kien hemm fi Triq ir-Rančiż u tneħħa. Hija qed titlob sabiex dan id-*double yellow line* jerġa' jsir peress li meta jsir *parking* flok dak id-*double yellow line*, ma jkunux jistgħu jdaħħlu l-vettura fil-garaxx tagħhom. Dan id-*double yellow line* diġà reġa' sar.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* bir-ritratti mingħand l-Uffiċjal Inkarigat mill-Beach Cleaners sabiex jirrapporta li xi *deckchairs* ta' xi ħadd privat ingħataw in-nar bil-konsegwenza li BBQ *table* ħadet in-nar ukoll u saret ħsara liċ-ċangaturi. Is-Sindku talab stima lill-perit tal-ħsara liċ-ċangaturi sabiex imur jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group Foundation fejn qed titlob lill-Kunsilli jipproponu toroq, li jagħtu aċċess lill-bdiewa, li hemm bżonn li jitranġaw sabiex 90% tal-ispiża jkunu ffinanzjati mill-Gozo Action Group. Il-Kunsill kien se jipproponi l-mogħdija minn Triq Żgħawri sa Tal-Ponta u parti minn Triq Żgħawri.

3.06 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' għalqa f'Tal-Ponta. Huwa qed jinforma li ħajt tas-sejjieħ tat-triq waqa' għal ġol-għalqa tiegħu u qed ikun ta' periklu għall-pubbliku. Huwa qed jitlob sabiex dan il-ħajt jinbena. Il-Kunsill kien ser jgħaddi din it-talba lit-Taqsima tas-CMU.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġinier Camilleri tal-Water Services Corporation rigward l-aċċess tal-bawżer tad-drenaġġ minn Triq Għajn Tuta. Għalkemm il-Kunsill kien qatta' blata żgħira sabiex ir-roti tat-*truck* ma jħokkux, xorta baqa' l-problema u qed jissuġġerixxi li jinbnew il-ħitan u titwessa' t-triq bi ftit. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol ser isir mit-Taqsima tas-CMU.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 34/14(29_07_14).

**5.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

5.01 Ser joħorġu dawn it-*tenders* iffinanzjati mill-EU Funds:

- Passaġġ tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €10,900
- *Furniture* għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €7,700
- Dawl u *Sound* għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €4,303
- *Flyer* u *Map* b'*budget* ta' €7,000
- *Ticketing System* għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €12,000

Ser joħorġu dawn it-*tenders* iffinanzjati mill-Urban Improvement Fund (UIF):

- Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi
- Fanali, Lanterni u *Arms*
- Fanali għal Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi
- *Planters* u *Benches*

**6.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

6.01 Il-pavimentar tal-proġett huwa lest u anke twaħħlu l-*bollards*. Għad baqa' li jitwaħħlu l-balavostri. Il-kont diġà ġie ppreparat mill-perit u ser issir il-*claim* lill-Eco-Gozo. Il-balavostri ma humiex inklużi fil-kont.

## 7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.

7.01 F'dawn l-aħħar jiem kienu tpoġġew il-lanterni minflok il-globi li hemm fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun.
Fi Triq il-Munxar saru *slow signs* mal-art, filwaqt li fi Triq il-Biżantini kienu saru *double yellow lines* wara li saret talba minn resident u reġgħu tneħħew flimkien ma oħrajn li ma kinux saru mill-Kunsill.

## 8.00 Rapport tas-Sindku.

8.01 Is-Sindku kien attenda għas-*Seminar* organizzat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Eco-Gozo dwar ir-riżors ta' ilma f'Għawdex. Minn statistika li nġabret dwar konsum ta' ilma li qed jinħela minn kull dar, irriżulta li ma hawnx ħela t'ilma f'Għawdex.

8.02 Is-Sindku attenda għal żewġ laqgħat tar-Reġjun Għawdex ma' rappreżentanti tal-Malta Records u dwar id-devoluzzjoni tal-lampi tat-toroq.

8.03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-kuntratt dwar id-Day Centre f'Għajnsielem.

8.04 Is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-Kabinett u qajjem dawn il-punti:

<u>Pjazza tal-Munxar</u>
Proġett fejn ser tiġi pavimentata l-pjazza kollha apparti t-triq prinċipali. Ser jinbidlu u jiżdiedu l-i*street furniture* u ser issir sistema ta' dawl ġdid madwar il-pjazza. Proġett li huwa maqsum f'fażijiet peress li l-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux li nagħmlu l-proġett kollu f'darba. Il-Kunsill tagħna dejjem jipprova jfittex skemi jew fondi tal-EU ħalli nkunu nistgħu nkomplu dan il-proġett.
L-ewwel fażi ser titħallas minn fondi tal-Eco-Gozo u fondi minn skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Tajjeb li f'proġetti bħal dawn il-Kunsill ma jitgħabbiex b'piż finanzjarju bħalma għamilna aħna biex jinbidlu l-mejnijiet tal-ilma u nbena *culvert* għall-*wires* tal-Enemalta. Tajjeb jekk jista' l-Gvern jgħinna nkomplu dan il-proġett fiċ-ċentru tal-lokalità tagħna.

<u>Il-Wied tax-Xlendi</u>
Il-Kunsill għandu f'idejh il-permessi tal-MEPA sabiex parti mill-wied titħammel. Barra li qed nitilfu l-ilma kollu fil-baħar bħalissa l-ilma tal-wied meta tagħmel ix-xita qed jgħaddi mit-triq mhux mill-wied b'periklu għal karozzi li jkunu għaddejjin minn hemm għax il-wied qiegħed ogħla mit-triq.

<u>Ħaddiema biex jibnu ħitan tas-sejjieħ</u>
Il-Kunsill għandu bżonn ta' ħaddiema biex jirranġaw u jibnu ħitan tas-sejjieħ speċjalment f'żona taż-Żgħawri u tax-Xadba fejn għandna l-*heritage trail* li qed tintuża minn ħafna turisti, Maltin u residenti. It-*tours* li qed jiġu organizzati mill-*jeeps*, *segway* u *quad bikes* qed jgħaddu minn dawn l-inħawi wkoll.

<u>*Garage* taħt il-*plot* tal-Kunsill</u>
Għandna talba, ilha snin, biex il-*garage* ta' taħt il-*plot* tal-Kunsill jgħaddi f'idejn il-Kunsill biex iservi bħala *store* tal-Kunsill u biex inkunu nistgħu nagħmlu l-uffiċini tal-Kunsill aċċessibbli għal kulħadd.

Proġetti PPP

Permezz tal-iskema tal-PPP ta' toroq għadna kif għamilna 4 toroq bit-*tarmac*; tnejn fil-Munxar u tnejn fix-Xlendi. Il-Kunsill ser ikollu jidħol għal spejjeż *extra* li jinqalgħu max-xogħol u ma tkunx ħsibt għalihom. Tajjeb jekk il-Gvern Ċentrali jkun jista' jagħmel tajjeb għal din id-differenza.

Triq tal-Qasam, Ta' Sannat

Is-Sindku ta' Sannat talab biex f'din il-leġislatura ssir it-triq bejn ir-Rabat u Ta' Sannat. Is-Sindku tal-Munxar issuġġerixxa biex qabel isiru x-xogħlijiet isir studju ħalli jitneħħa l-periklu li hemm meta wieħed jiġi biex jaqsam din it-triq speċjalment dawk li ġejjin mix-Xewkija għall-Munxar.

Ix-Xlendi vetrina ta' pajjiżna

Kien hemm qbil mal-Ministru għal Għawdex preċedent u issa anke mal-Ministru preżenti, li l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-parti ta' fuq tax-Xlendi u l-Ministeru ser jimbarka fuq il-proġett tal-*parking*, is-*seafront* u toroq tal-madwar.

*Cantilever* Triq San Xmun

Il-Kunsill għandu f'idejh il-permessi meħtieġa biex issir *cantilever* ma' Triq San Xmun kemm biex isservi bħala *belvedere* kif ukoll biex in-nies li jridu jitilgħu jew jinżlu bejn il-parti ta' fuq u t'isfel tax-Xlendi jgħaddu minn hemm bla periklu li jistgħu jittajru għax Triq San Xmun hija dejqa ħafna.

*Cruise liner berth*

Għall-ekonomija lokali u Għawdxija tajjeb li din il-*berth* terġa' titranġa u jsir dak kollu li hemm bżonn ħalli nerġgħu naraw jidħlu fix-Xlendi *cruise liners* żgħar.

*Wreck* għad-*divers*

Hemm ix-xewqa speċjalment tad-*diving centres* li fil-fond tal-baħar quddiem l-għar il-kbir issir *wreck* għad-*divers*. Il-vapur għandu jkun ta' ċertu kobor b'isem warajh ħalli jattira *divers* ta' kwalità. Il-Kunsill għandu *draft* bl-informazzjoni tal-post eżatt fejn għandu jiġi dan ir-*wreck*.

Permessi *Tables and Chairs & Canopy*

Qed niffaċċjaw diversi lmenti dwar it-*tables*, *chairs* u l-*canopy* fix-Xlendi. Importanti li dawk kollha kkonċernati npoġġu madwar mejda u niddiskutu x'għandu jsir. Importanti li nħallu lil tal-istabbilimenti jaħdmu għax nafu kemm hu qasir is-sajf għalina l-Għawdxin. Biss, irridu nsibu bilanċ bejn l-istabbilimenti u dawk li jridu jużaw il-passaġġi, turisti, sajjieda u residenti. Importanti li l-*area* tal-passaġġ ma tkun ostakolata b'xejn. Kulħadd juża l-*area* ta' quddiemu. L-*area* tal-passaġġ qatt ma għandha tissaqqaf ħalli ma jsirux żippijiet li jgħalqu l-passaġġ.

Pulizija u għasses tax-Xlendi u tal-Munxar

Fis-sajf għandu jkun hemm iktar minn pulizija wieħed fix-Xlendi. Għandhom jagħmlu *foot patrol* fit-toroq u matul il-kosta u mhux joqogħdu fl-għassa biss. Għandhom jaraw li kemm fuq l-art u kif ukoll fil-baħar mhux qed tinkiser il-liġi.

L-għassa tal-Munxar jekk mhux l-unika waħda hija waħda minn dawk li dejjem magħluqa. Importanti li jkollna iktar *mobile patrols* frekwenti u joqogħdu iktar attenti għall-*over speeding* li qed isir mix-Xlendi għar-Rabat kif ukoll fil-qalba tar-raħal tal-Munxar.

Torri tax-Xlendi
Il-Kunsill għandu f'idejh flimkien ma' Din l-Art Ħelwa d-devoluzzjoni tat-Torri tax-Xlendi. Qed insibu problema biex inġibu l-permessi tal-MEPA kif ukoll hemm bżonn li l-passaġġ li jwassal għat-torri jiġi esproprjat mill-Gvern. Ma jiswa xejn li jkollna t-torri f'idejna u ma jkollniex aċċess. Jekk ikun hemm xi fondi mill-EU għar-restawr, bla permessi tal-MEPA f'idejna, ma nkunux nistgħu napplikaw.

Tkabbir tal-bajja bir-ramel
L-MTA ilha li għamlet l-istudju ta' kif għandha tikber il-bajja tax-Xlendi. Huwa proġett importanti biex jattira iktar nies lejn lx-Xlendi. Qed ninnutaw li familji bit-tfal m'għadhomx jinżlu fix-Xlendi għax ramel fil-bajja m'hemmx.

*Belvedere* u *water fun park*
Tajjeb li wieħed jibda jaħseb biex 'il quddiem fil-*parking area* ta' Triq San Xmun jitnaddaf dak il-materjal li kienu tefgħu snin ilu u jsir *belvedere* tal-injam li jkun iżomm fuq kollonni tal-injam. Taħtu jista' jsir *water fun park* li jkun differenti minn dawk li saru sa issa, għax il-ġenituri jkunu jistgħu jserrħu moħħhom li t-tfal ser ikunu jilagħbu fid-dell.

8.05 Fit-2 ta' Awwissu 2014 ser issir it-tieni edizzjoni tas-*Ceramic Festival* fejn din is-sena l-*exhibition* taċ-Ċeramika ser issir fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Il-Kunsill applika għall-iskema tal-Work Trail Scheme for Youths sabiex jingħataw il-massimu ta' żewġ studenti għal xahrejn u b'hekk il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi tkun tista' tinfetaħ minnhom kuljum barra nhar ta' Tnejn. Peress li l-iskema ġiet *oversubscribed*, l-ETC qed tibgħat lil dawn l-istudenti mill-21 ta' Lulju 2014 sas-17 ta' Awwissu 2014. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lill-ETC sabiex jitlob li dawn l-istudenti jinżammu għal xahar ieħor.

9.02 Il-Kunsill kien poġġa tabella fil-bidu tad-daħla għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi, iżda sid il-proprjetà ta' maġenb din id-daħla oġġezzjona għax qed jallega li l-art hija tiegħu. Wara li jinġieb il-permess mir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi, din it-tabella tpoġġiet fl-għalqa tal-Knisja.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv kien għadda d-dettalji tat-telefown tal-familjari tal-Professur Ġużè Aquilina lill-Iskultur Joseph Farrugia sabiex jibda jaħdem fuq l-abbozz tal-istatwa.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Robert Mallia reġa' fakkar dwar dik il-*bus shelter* li kellha ssir maġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Tqajjem l-argument jekk jistax japplika l-perit tal-Kunsill, iżda l-informazzjoni li l-Kunsill għandu mingħand Transport Malta hija li diġà hemm permess tal-MEPA.

10.02 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal dawn l-affarijiet:

- Jinqata' l-qasab tal-wied u titnaddaf it-triq mit-trabijiet li ħalla l-kuntrattur.
- Hija nnotat li l-bieb li tħalla fiz-zuntier għal persuni b'diżabilità ser ikollu l-koxox tiegħu bil-balavostri u mhux bil-pilastri kif suppost. Il-Kunsill kien se jiċċekkja mal-kuntrattur u l-perit.
- Isiru sinjali f'nofs it-triq fi Triq Santa Dminka u fi Triq Ras il-Bajjada. Ta' Triq Ras il-Bajjada diġà saru, m'ilux.
- Fi Triq il-Kantra hemm parti minn bankina mingħajr *paving blocks* biex titranġa u jsir ir-*railing* fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun. Issuġġerit ukoll li jsiru tabelli ta' *speed limit* fiż-żona residenzjali.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li membri tal-Kumitat tal-Munxar Falcons F.C. talbu jekk il-Kunsill jistax jgħin fl-*entertainment* li ser isir waqt il-BBQ li se jiġi organizzat fil-Pjazza tal-Knisja. Peress li din ma hijiex attività tal-Kunsill, il-Kunsill ma jistax jgħin.

11.02 Il-Kunsill kien se jara jekk l-iskips ta' tliet stabbilimenti tax-Xlendi li tpoġġew fil-*parking* jistgħux jitpoġġew quddiem il-pompa tad-drenaġġ.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 28 ta' Awwissu 2014, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***